CV dettaljata u ittra elettronika ta' akkumpanjamnet għandhom jinbagħtu lil (careers.mita@gov.mt) sat-Tnejn, 7 ta' Ottubru, 2024.

L-24 ta' Settembru, 2024

L-AĠENZIJA TAT-TEKNOLOĠIJA TAL-INFORMATIKA TA' MALTA

Project Leader

Permess tal-Jobsplus 824/2024

MITA qed tfittex individwi tas-sengħa biex jissieħbu tagħna timijiet bħala Project Leader. Bħala Project Leader, il-kandidat magħżul se jkun fuq quddiem biex jgħin lil MITA twassat soluzzjonijiet trasformattivi fuq il-core services tal-Gvern bħall- Korp tal-Pulizija, is-Saħħa, is-Sigurtà Soċjali, it-Taxxa, u d-Dwana.

MITA qed tfittex individwi motivati u enerġetiċi b'ħiliet ta' tmexxija li huma interessati li jissieħbu f'wieħed mit-timijiet tal-proġetti. Bħala Project Leader, il-kandidat magħżul se jkun fdat fit-tmexxija ta' konsulenza u żvilupp ta' progetti ta' software li jirriżultaw fl-implimentazzjoni ta' inizjattivi u riformi kummerċjali ewlenin.

Ir-rwol jinvolvi l-analiżi ta' rekwiżiti u formulazzjoni tekniċi u kummerċjali, rakkomandazzjonijiet u dokumentazzjoni biex jissodisfaw il-Konsulenza ICT tal-klijent skont l-obbligi tal-kuntratt; JEW sorveljanza tal-implimentazzjoni mir-rekwiżiti biex isir skjerament ta' produzzjoni li jiżgura kwalità fil-ħin u baġit.

Bħala Project Leader, ir-responsabbiltajiet jinkludu tmexxija ta' timijiet tal-progetti u l-iżgurar tas-suċċess tal-esekuzzjoni ta' proġetti allinjati mal-miri tan-negozju. Il-kandidat magħżul se jkun essenzjali fil-kordinazzjoni ta' timijiet varji u partijiet interessati, ġestjoni ta' riżorsi, u l-indirizzar ta' kwalunkwe kwistjonijiet li jinqalgħu biex iżomm proġetti fit-triq it-tajba.

Eligible candidates must hold one of the following sets of qualifications and/or experience in areas related to: ICT and/or Business and/or Finance:

i) A qualification at MQF Level 7 or higher and five years' work experience, three of which must be at a management/leadership level; OR

ii) A qualification at MQF Level 6 and six years' experience, three of which must be at management/leadership level; OR

iii) Ten years' work experience, three of which must be at a management/leadership level.

A detailed CV and cover email are to be submitted to (careers.mita@gov.mt) by Monday, 7th October, 2024.

24th September, 2024

MALTA INFORMATION TECHNOLOGY AGENCY

Project Leader

Jobsplus Permit 824/2024

MITA is seeking skilled individuals to join our teams as Project Leaders. As a project leader, the chosen candidate will be at the forefront of helping MITA deliver transformational solutions on core government services such as Police Forces, Health, Social Security, Tax, and Customs.

MITA seeks motivated and energetic individuals with strong leadership skills who are interested in joining one of its project teams. As a Project Leader, the chosen candidate will be entrusted with leading consultancy and software development projects that result in implementing major Business initiatives and reforms.

The role entails either analysing requirements and formulating technical and business recommendations and other documentation to satisfy the client's ICT Consultancy requirements as per contractual obligations; OR supervising the implementation from requirements gathering to actual deployment to production to ensure quality within time and budget.

The chosen candidate's primary responsibilities as a Project Leader will include leading project teams and ensuring the successful execution of projects that align with significant business goals. The chosen candidate will be key in coordinating efforts across various teams and stakeholders, managing resources, and addressing any issues that arise to keep projects on track.

MITA toffri karrieri attraenti, b'diversi sfidi u opportunitajiet għal tkabbir professjonali fiż-żoni bħal Project Management, Product Ownership, IT Technical Roles, u Business Consultancy. Il-kandidat magħżul huwa mistieden jingħaqad mal-MITA u jkun parti minn ambjent kollaborattiv li jrawwem tmexxija u innovazzjoni.

Il-Project Leader għandu jikkollabora ma' fornituri esterni u dipartimenti oħra tal-MITA fejn meħtieġ.

Kandidati eligibbli għandu jkollhom wieħed minn dawn is-settijiet ta' kwalifiki u/ jew esperjenza fl-oqsma relatati jew mal-ICT u/jew Negozju u/jew Finanzi u/jew Edukazzjoni:

i. Kwalifika fil-Livell 7 tal-MQF jew ogħla; JEW
ii. Kwalifika fil-Livell 6 tal-MQF u sena ta' esperjenza; JEW
iii. Kwalifika fil-Livell 5 tal-MQF u tliet snin esperjenza; JEW
iv. Kwalifika fil-Livell 4 tal-MQF u erba' snin esperjenza; JEW
v. Ħames snin ta' esperjenza

Il-MITA għandha qafas strutturat ta' progressjoni tal-karriera. Kandidati ta'suċċess jistgħu jkunu magħżula għall-pożizzjoni ta' Project Leader f'wieħed mil-livelli skont il-kwalifiki, esperjenza u kompetenza li jiġi determinat permezz ta' intervista: i) il-Livell Standard – Livell tal-Karriera 4; jew ii) il-Livell Senior – Livell tal-Karriera 5.

CV dettaljata, flimkien ittra elettronika ta' akkumpanjamnet u l-ismijiet ta' żewġ referenzi u l-indirizzi elettroniċi tagħhom, għandhom jintbagħatu sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 7 ta' Ottubru, 2024, lil (careers.mita@gov.mt).

L-24 ta' Settembru, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż lis-Sidien ta' Vetturi li Tneħħew mit-Triq

Skont ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru SL.65.13, Transport Malta qiegħda b'dan l-avviż tippubblika lista ta' vetturi li tneħħew mit-toroq għar-raġuni li marru kontra l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368) u Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur, L.S. 368.02 u li ma ttiħdux lura mis-sidien legali tagħhom.

Il-lista tinkludi deskrizzjoni tal-vettura. Dawn il-vetturi qed jiġu miżmuma fil-compound ta' Transport Malta.

Is-sidien rispettivi huma ġentilment mitluba sabiex jieħdu lura l-vettura tagħhom mingħand Transport Malta

MITA offers an attractive career path with diverse challenges and opportunities for professional growth in areas such as Project Management, Product Ownership, IT Technical roles, and Business Consultancy. The chosen candidate is invited to join MITA to be part of a collaborative work environment that fosters leadership and innovation.

The Project Leader shall liaise with external suppliers and other MITA departments where necessary.

Eligible candidates must hold one of the following sets of qualifications and/or experience in areas related to either ICT and/or Business and/or Finance and/or Education:

i. A qualification at MQF Level 7 or higher; OR
ii. A qualification at MQF Level 6 and an additional one year of experience; OR
iii. A qualification at MQF Level 5 and an additional three years' experience; OR
iv. A qualification at MQF Level 4 and an additional four years' experience; OR
v. Five years of experience

MITA has a structured Career Progression framework. Successful candidates may be engaged in the position of Project Leader at either of the following levels depending on their qualifications, experience and competence level as determined through the interview: i) the Standard Level – Career Level 4; or ii) the Senior Level – Career Level 5.

A detailed CV, together with a covering email and the names of two referees and their email addresses, are to be submitted by not later than Monday, 7th October, 2024, to: (careers.mita@gov.mt).

24th September, 2024

TRANSPORT MALTA

Notice to Owners of Vehicles Removed from the Road

In accordance with the Clamping and Removal of Motor Vehicles and Encumbering Objects Regulations SL.65.13, Transport Malta is hereby publishing a list of vehicles that were removed from the road for being in breach of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act (Cap. 368) and the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations S.L. 368.02 and which have not been retrieved by their lawful owners.

The list includes a description of the removed motor vehicle. The vehicles are currently being stored at Transport Malta's compound.

Respective owners are to retrieve their motor vehicle from Transport Malta upon submission of proof of

billi jissottomettu prova li huma s-sidien tal-vettura inkwistjoni filwaqt li għandu jsir il-ħlas tat-taxxa tar-reġistrazzjoni applikabbli, liċenzji, kontravenzjonijiet u miżati amministrattivi oħra li jkunu dovuti.

Vetturi li jibqgħu mhux miġbura u li għalihom ma jsir l-ebda ħlas għal-liċenzji, kontravenzjonijiet, taxxa applikabbli u drittijiet oħra sat-Tlieta, l-1 ta' Ottubru, 2024, se jiġu rkantati u, jekk mhux mibjugħa, se jiġu meqruda.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bin-numru tat-telefown 2556 4134 mis-7.30 a.m. sa nofsinhar, jew permezz ta' ittra elettronika lil (auctions.tm@transport.gov.mt).

ownership and upon payment of the applicable registration tax, licences, contraventions and other administration fees that may be due.

Vehicles which are not retrieved and for which any applicable registration tax, licences, contraventions and other fees are not paid by Tuesday, 1st October, 2024, will be auctioned and, if not sold, will be destroyed.

Further information may be obtained by telephone number 2556 4134 from 7.30 a.m. till noon, or by email to (auctions.tm@transport.gov.mt).

Għamla *Make*	Mudell *Model*	Kulur *Colour*	Nru ta' Reġistrazzjoni/ Chassis *Registration/Chassis Number*	Lokalità ta' tneħħija *Locality of removal*
Peugeot	308	Griż	KBS572	Il-Mosta
Toyota	Vitz	Griż	GCA282	Tas-Sliema
Peugeot	Kisbee	Ikħal	ACR505	Santa Venera
Volvo	XC60	Griż	CMX127	Is-Swieqi
Suzuki	Alto	Aħmar	BCS795	Burmarrad
Toyota	IQ	Isfar	EBW709	Is-Salini
Mazda	2	Iswed	LDL171	Il-Marsa

L-24 ta' Settembru, 2024

24th September, 2024

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf li:

Nhar is-Sibt, 28 ta' Settembru, 2024, u nhar il-Ħadd, 29 ta' Settembru, 2024, Triq il-Knisja mill-parti ta' ħdejn Triq il-Viżitazzjoni sa Pjazza Żjara tal-Madonna se tkun magħluqa mid-9.00 a.m. sal-10.00 p.m. nhar is-Sibt, u mid-9.00 a.m. sas-6.30 p.m. nhar il-Ħadd. Se jkun hemm devjazzjoni għal Triq il-Viżitazzjoni, Triq Felic Grech, Triq Dun Alwiġ Mizzi għal wara il-knisja. Ħadd ma jista' jipparkja fi Triq Dun Alwig Mizzi skont it-tabelli li jkun hemm fuq il-post.

It-traffiku ħiereġ direzzjoni lejn ir-Rabat minn wara l-knisja se jkun iddevjat lejn Triq Trux, Triq l-Isqof M. Molina u Triq Ta' Sdieri. Ħadd ma jista' jipparkja fi Pjazza Gerano, Triq Frenċ tal-Għarb, Pjazzetta Isqof Nikol G. Cauchi u Pjazza Żjara tal-Madonna. Ħadd ma jista' jipparkja fihom skont it-tabelli li jkun hemm fuq il-post.

L-24 ta' Settembru, 2024

GĦARB LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Għarb Local Council notifies that:

On Saturday, 28th and Sunday, 29th September, 2024, Triq il-Knisja from the part near Triq il-Viżitazzjoni till Pjazza taż-Żjara tal-Madonna will be closed from 9.00 a.m. till 10.00 p.m. on Saturday, and from 9.00 a.m. till 6.30 p.m. on Sunday. Diversion through Triq il-Viżitazzjoni, Triq Felic Grech, Triq Dun Alwiġ Mizzi for areas behind the church. No parking is allowed in Triq Dun Alwiġ Mizzi as indicated on the signs on site.

Traffic going out direction to Victoria from behind the church will be diverted to Triq Trux, Triq l-Isqof M. Molina and Triq Ta' Sdieri. No parking is allowed in Pjazza Gerano, Triq Frenċ tal-Għarb, Pjazzetta Isqof Nikol G. Cauchi and Pjazza taż-Żjara tal-Madonna as indicated on the signs on site.

24th September, 2024

KUNSILL LOKALI L-FGURA

Sospensjoni tat-Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Fgura jgħarraf li nhar il-Ħadd, 27 ta' Ottubru, 2024, mis-7.00 a.m. sa nofsinhar, bis-setgħat mogħtija b'Avviż Legali 119 tal-2002, Triq Anġlu u Marianna Camilleri kif ukoll Wesgħa Reggie Miller se jkunu magħluqa għat-traffiku.

Fl-istess ġurnata ħadd ma jista' jipparkja f'Wesgħa Reggie Miller, in-naħa tal-knisja u fil-ġnub u mad-dawra tal-monument tal-Madonna tal-Karmnu. Vetturi li jibqgħu pparkjati jiġu rmunkati.

L-24 ta' Settembru, 2024

FGURA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Fgura Local Council hereby notifies that on Sunday, 27th October, 2024, from 7.00 a.m. till noon, in terms of Legal Notice 119 of 2002, Triq Anġlu u Marianna Camilleri and also Wesgħa Reggie Miller will be closed for transit of vehicles.

During the same day, parking will not be permitted in Wesgħa Reggie Miller, the side of the parish church, on both sides and also around the monument of our Lady of Mount Carmel. Parked vehicles will be towed.

24th September, 2024

KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEJTUN

Sospensjoni tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali ż-Żejtun jgħarraf illi nhar is-Sibt, 28 ta' Settembru, 2024, minn nofsinhar sal-11.59 p.m., it-toroq li ġejjin se jkunu magħluqa: Vjal il-25 ta' Novembru (minn Triq Alfredo Cachia Zammit), Misraħ Karlu Diacono, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Gregorio Bonici, Misraħ ir-Repubblika, u Triq San Girgor.

Trasport pubbliku se jkun affettwat. Uffiċjali se jkunu fil-post biex jassistu.

L-24 ta' Settembru, 2024

ŻEJTUN LOCAL COUNCIL

Traffic Suspension

The Żejtun Local Council notifies that on Saturday, 28th September, 2024, from noon till 11.59 p.m., the following streets shall be closed: Vjal il-25 ta' Novembru (from Triq Alfredo Cachia Zammit), Misraħ Karlu Diacono, Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill, Misraħ Gregorio Bonici, Misraħ ir-Repubblika, and Triq San Girgor.

Public transport will be affected. Officers will be on site to assist.

24th September, 2024

KUNSILL LOKALI MARSASKALA

Laqgħa Annwali tal-Lokalità

Skont Artikolu 70 (1) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-laqgħa annwali tal-lokalità se ssir fl-uffiċini tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 30 ta' Settembru, 2024, fis-6.00 p.m.

Aġenda

1. Qari u approvazzjoni tal-minuti
2. Preżentazzjoni tal-Business Plan 2024-2029

L-24 ta' Settembru, 2024

MARSASKALA LOCAL COUNCIL

Annual Locality Meeting

In accordance with Article 70 (1) of the Local Councils Act (Cap. 363), the annual locality meeting will be held at the Council's office on Monday, 30th Septemebr, 2024, at 6.00 p.m.

Agenda

1. Reading and Approval of Minutes
2. Presentation of Business Plan 2024-2029

24th September, 2024

KUNSILL LOKALI N-NAXXAR

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali n-Naxxar jgħarraf li nhar il-Ħadd, 29 ta' Settembru, 2024, mis-7.00 a.m. sas-2.00 p.m., Pjazza Vittorja, il-parti ta' quddiem il-knisja, se tkun magħluqa għat-traffiku. Pjazza Vittorja fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja se tkun miftuħa

NAXXAR LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Naxxar Local Council notifies that on Sunday, 29th September, 2024, from 7.00 a.m. till 2.00 p.m., Pjazza Vittorja, the part in front of the church, will be closed for traffic. Pjazza Vittorja on the right side of the church will be open to traffic

għat-traffiku f'żewġ direzzjonijiet. Pjazza Vittorja kollha se tkun meqjusa bħala żona ta' rmonk.

Triq Santa Luċija (sa Triq l-Ifran), se tkun meqjusa bħala żona ta' rmonk ukoll.

L-24 ta' Settembru, 2024

KUNSILL LOKALI TA' KERĊEM

Sospensjoni tat-Traffiku

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem jgħarraf illi t-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu magħluqa għat-traffiku hekk kif ġej:

Nhar l-Erbgħa, 2 ta' Ottubru, 2024, mis-6.00 p.m. 'il qudidem, u nhar il-Ħamis, 3 ta' Ottubru, 2024, il-ġurnata kollha, minn Pjazza Santa Luċija;

Nhar il-Ħamis, 3 ta' Ottubru, 2024, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq Bir Rix u Triq Santa Luċija.

L-24 ta' Settembru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT U SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 15 ta' Ottubru, 2024. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 009-3974/24. Provvista ta' 'stainless-steel cabinets' għal kmamar ta' trattamenti fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex
CFT 009-3975/24. Kostruzzjoni ta' 'automate load transfer panel plant romm' u xogħlijiet anċillari
CFT 020-3976/24. Provvista ta' 'monofilament polyamide G3/0'
CFT 009-3977/24. Provvista ta' 'mobile patient transfer walkers'
CFT 020-3978/24. Provvista ta' maskri għal 'neonatal resuscitation'
CFT 020-3979/24. Provvista ta' 'bone substitute putty for spine surgery – 3cc volume'
CFT 020-3980/24. Provvista ta' 'radiation protection lead equivalent aprons' u 'thyroid shields' għal Cathlab
CFT 020-3981/24. Provvista ta' 'thoracic aortic grafts'
CFT 009-3983/24. Provvista, konsenja, installazzjoni u kkummissjonar ta' 'endoscope washer disinfectors' li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent fit-Teatru tal-Operazzjonijiet tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex

on two directions. Pjazza Vittorja will be considered as a towing zone.

Triq Santa Luċija (till Triq l-Ifran), will be considered as a towing zone.

24th September, 2024

TA' KERĊEM LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic

The Ta' Kerċem Local Council notifies that the following streets will be closed for traffic as per below:

On Wednesday, 2nd October, 2024, from 6.00 a.m. onwards, and on Thursday, 3rd October, 2024, all day, through Santa Luċija Square;

On Thursday, 3rd October, 2024, from 4.00 p.m. onwards, through Triq Bir Rix and Triq Santa Luċija.

24th September, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministry for Health and Active Ageing, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 15th October, 2024, Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 009-3974/24. Supply of stainless-steel cabinets for treatment rooms at Gozo General Hospital
CFT 009-3975/24. Construction of automate load transfer panel plant romm and ancillary works
CFT 020-3976/24. Supply of monofilament polyamide G3/0
CFT 009-3977/24. Supply of mobile patient transfer walkers
CFT 020-3978/24. Supply of masks for neonatal resuscitation
CFT 020-3979/24. Supply of bone substitute putty for spine surgery ' 3cc volume
CFT 020-3980/24. Supply of radiation protection lead equivalent aprons and thyroid shields for Cathlab
CFT 020-3981/24. Supply of thoracic aortic grafts
CFT 009-3983/24. Supply, delivery, installation and commissioning of environmentally friendly endoscope washer disinfectors at Gozo General Hospital Operating Theatre

CFT 021-3984/24. Provvista ta' 'Ajmaline 50mg/10ml solution for injection'

CFT 021-3985/24. Provvista ta' 'Argatroban Monohydrate 100mg/ml infusion'

CFT 019-3986/24. Provvista ta' uniformijiet tax-xitwa għall-Emergency Ambulance Responders fl-Isptar Mater Dei u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex b'impatt ambjentali ridott

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviż li ġej sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 22 ta' Ottubru, 2024. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 009-3982/24. Provvista ta' 'medical gases systems extension'

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQs tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

L-24 ta' Settembru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Erbgħa, 25 ta' Settembru, 2024.

ERU1909U24 – Devices
ERU1909U24 – Medicinal
ERU1909U24A – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-24 ta' Settembru, 2024

CFT 021-3984/24. Supply of Ajmaline 50mg/10ml solution for injection

CFT 021-3985/24. Supply of Argatroban Monohydrate 100mg/ml infusion

CFT 019-3986/24. Supply of Winter Uniforms for Emergency Ambulance Responders for Mater Dei Hospital and Gozo General Hospital with a reduced environmental impact

Electronic tenders in respect of the following notices will be received till 9.30 a.m. of Tuesday, 22nd October, 2024, Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 009-3982/24. Supply of medical gases systems extension

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

24th September, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. of Wednesday, 25th September, 2024.

ERU1909U24 – Devices
ERU1909U24 – Medicinal
ERU1909U24A – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

24th September, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 26 ta' Settembru, 2024.

ERU2009U24 – Devices
ERU2009U24 – Medicinal
ERU2009U24A – Medicinal
ERU2009U24B – Medicinal
ERU2009U24C – Medicinal
ERU2009U24D – Medicinal
ERU2009U24E – Medicinal
ERU2009U24F – Medicinal
ERU2009U24G – Medicinal
ERU2009U24H – Medicinal
ERU2009U24I – Medicinal
ERU2009U24J – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

L-24 ta' Settembru, 2024

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. of Thursday, 26th September, 2024.

ERU2009U24 – Devices
ERU2009U24 – Medicinal
ERU2009U24A – Medicinal
ERU2009U24B – Medicinal
ERU2009U24C – Medicinal
ERU2009U24D – Medicinal
ERU2009U24E – Medicinal
ERU2009U24F – Medicinal
ERU2009U24G – Medicinal
ERU2009U24H – Medicinal
ERU2009U24I – Medicinal
ERU2009U24J – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

24th September, 2024

KUNSILL LOKALI L-ISLA

Il-Kunsill Lokali l-Isla jgħarraf illi:

Sejħiet għall-kwotazzjonijiet għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali l-Isla sal-11.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Ottubru, 2024, għal:

Kwot. Nru ISLC/CF/01/2024. Servizzi ta' sistema ta' landscaping u irrigazzjoni b'mod li jitħares l-ambjent fil-Ġonna tal-Gardjola, l-Isla.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-kwotazzjoni jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-24 ta' Settembru, 2024

ISLA LOCAL COUNCIL

The Isla Local Council notifies that:

Quotations will be received through ePPS at the Isla Local Council up to 11.00 a.m. on Tuesday, 15th October, 2024, for:

Quot. No. ISLC/CF/01/2024. Services of landscaping and irrigation system in an environmentally friendly manner at the Gardjola Gardens, Senglea.

Quotation documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

24th September, 2024

KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu fil-Kunsill Lokali San Ġiljan permezz tal-ePPS sal-11.00 a.m. tat-Tnejn, 21 ta' Ottubru, 2024, għal:

Avviż Nru SGLC/T/3/2024. Tindif, żamma u manutenzjoni ta' ġonna pubbliċi u soft areas f'San Ġiljan bl-użu ta' prodotti u prattiki li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fis-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

L-24 ta' Settembru, 2024

SAN ĠILJAN LOCAL COUNCIL

The San Ġiljan Local Council notifies that:

Tenders will be received at the San Ġiljan Local Council through ePPS up to 11.00 a.m. on Monday, 21st October, 2024, for:

Advt No. SGLC/T/3/2024. Cleaning, upkeep and maintenance of public gardens and soft areas in St Julian's using environmentally friendly products and practices.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

24th September, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2101

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fid-16 ta' Jannar, 2023, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 931 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fid-16 ta' Jannar, 2023, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lil Sharef Dardour, assenti mill-Gżejjer Maltin, fl-atti tar-rikors ġuramentat bin-numru 26/2022 SG fl-ismijiet 'Charmaine Vella vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Sharef Dardour, assenti mill-Gżejjer Maltin', liema rikors ġuramentat ġie ippreżentat fit-23 ta' Awwissu, , fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti. Fl-imsemmi rikors ġuramentat qed jintalab id-divorzju bejn il-partijiet.

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on 16th January, 2023, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, Family Section, ordered the publication of the extract reproduced below so that for all purposes and effects of the law serves as notification according to article 931 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree given on the 16th January, 2023, it was ordered that a deputy curator be chosen according to law to represent Sharef Dardour, who is absent from the Maltese Islands, in the acts of the sworn application bearing number 26/2022 SG in the names 'Charmaine Vella vs Deputy Curators to represent Sharef Dardour, absent from the Maltese Islands', which sworn application was presented on the 23rd August, 2022, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, Family Section, and in all other relative and subsequent acts. In the said sworn application, the divorce is being requested between the parties.

You are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and hereby summon

irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Brigitte Sultana, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 19 ta' Settembru, 2024

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Familja

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the said timeframe, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, Family Section mentioned above with the testimony of the Magistrate Dr Brigitte Sultana, Magistrate of the aforementioned Court.

Today the 19th September, 2024

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, Family Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2102

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-10 ta' Settembru, 2024, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1419/2024/1CFS, li ġie ppreżentat fit-28 ta' Awwissu, 2024, fl-ismijiet: Mercieca Arthur Dott. et vs Arrigo Mark Anthony Charles Edward, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar it-3 ta' Ottubru, 2024, fil-11.30 a.m.

Notifika Intimat: Arrigo Mark Anthony Charles Edward. Ir-Razzett, Trejqet il-Kampanjola, il-Magħtab, In-Naxxar

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Settembru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 10th September, 2024, in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction number 1419/2024/1CFS, which was filed on the 28th August, 2024, in the names: Mercieca Arthur Dr et vs Arrigo Mark Anthony Charles Edward, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: This Honourable Court orders the issuing of the Warrant of Prohibitory Injunction against the respondent.

The Warrant of Prohibitory Injunction in the names mentioned above is adjourned for hearing on the 3rd October, 2024, at 11.30 a.m.

Notify Respondent: Arrigo Mark Anthony Charles Edward Farm, Trejqet il-Kampanjola, Maghtab, Naxxar

Registry of the Superior Courts, today 16th September, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2103

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sezzjoni tal-Kummerċ, fl-10 ta' Lulju 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 14/2024ISB, li ġie ppreżentat fil-21 ta'

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, Commercial Section, on the 10th July 2024, in the records of Sworn Application number 14/2024ISB, which was

Frar, 2024, fl-ismijiet: Sea Lodge Limited vs Sailtur Limited et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex jħallsu d-danni hekk likwidati. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-11 ta' Novembru, 2024, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Sailtur Limited, Airedesk Business Hub, 17, Triq il-Mod, Tal-Ibraġ, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Awwissu, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

filed on the 21st February, 2024, in the names: Sea Lodge Limited vs Sailtur Limited et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondents or either of whom to pay the damages so liquidated. With costs and interest.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 11th November, 2024, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: Sailtur Limited. Airedesk Business Hub, 17, Triq iI-Mod, Tal-Ibraġ, Swieqi

Registry of the Superior Courts, today 28th August, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2104

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Mejju, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Victoria Frilot et vs Charles Debattista et Rikors numru 131/2024JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Charles Debattista u Gerald Debattista a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Victoria Frilot (KI 234165M), Therese Zammit (KI 760360M) u Carmen Degiorgio (KI 768052M) vs Charles Debattista (KI 9058M) u Gerald Debattista (KI 792059M), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fis-7 ta' Marzu, 2024, ir-rikorrenti Victoria Frilot (KI 234165M), Therese Zammit (KI 760360M) u Carmen Degiorgio (KI 768052M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna li jsir d-debitu test tal-mezzi tal-intimati u dan bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jagħti dawk l-ordnijiet li jidhirlu opportuni, skont ir-riżultanzi tat-test tal-mezzi u ċjoè, illi jekk ma jiġux sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, jordna minnufih l-iżgumbrament tal-intimati mill-fond 19, Triq Idmejda, Ħal Balzan fi żmien perentorju stabbilit minn dan l-istess Bord skont il-Liġi, u jillikwida l-kumpens dovut ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u jordna lill-intimati iħallsu l-kumpens hekk likwidat; jew

3. Jekk jigu sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi jordna t-tkomplija tal-lokazzjoni relattiva, jistabbilixxi

By means of a decree of the 3rd May, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Victoria Frilot et vs Charles Debattista et, Application number 131/2024JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Charles Debattista and Gerald Debattista in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Victoria Frilot (ID 234165M), Therese Zammit (ID 760360M) and Carmen Degiorgio (ID 768052M) vs Charles Debattista (ID 9058M) and Gerald Debattista (ID 792059M) filed in the Rent Regulation Board, on the 7th March, 2024, the applicants Victoria Frilot (ID 234165M), Therese Zammit (ID 760360M) and Carmen Degiorgio (ID 768052M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Order that the means test of the respondents be carried out and this in application of the provisions of Article 4A of Cap. 69 of the Laws of Malta;

2. Give those orders which it deems opportune, according to the results of the means test and namely, that if the criteria of the means test are not met, immediately order the eviction of the respondents from the premises 19, Triq Idmejda, Ħal Balzan within a peremptory period established by this same Board according to law, and liquidate the compensation due in terms of Article 4A of Cap. 69 of the Laws of Malta and order the respondents to pay the compensation so liquidated; or

3. If the criteria of the means test are met order the continuation of the relative lease, establish new conditions

kundizzjonijiet ġgodda rigward il-ħlas tal-kera lir-rikorrenti, u jiddikjara illi l-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond u dan b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2024, u jordna sabiex il-kera titħallas mill-intimati hekk kif dikjarat.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimati li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra li tista' talvolta tiġi preżentata.

Rikorrenti: Victoria Frilot, Nutley, 20, Apartment 5, Victoria Junction, Tas-Sliema

Therese Zammit, Mon Amount 10, Apartment 6, Triq Chaqi, Ir-Rabat

Carmen De Giorgio, St Angelo Aprartment, 2, Triq Pietru Pawl Debono, Ta' Xbiex

Notifika: Charles Debattista, 19, Triq Idmejda, Ħal Balzan

Gerald Debattista, 19, Triq Idmejda, Ħal Balzan

L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Victoria Frilot et vs Charles Debattista et, Rikors numru 131/2024JG, jinsab differit għat-18 ta' Ottubru, 2024, fid-9.35 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Settembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

regarding the payment of rent to the applicant, and declare that the rent is to be revised to an amount not exceeding 2% per year of the free and open market value of the premises and this with effect from the 1st January, 2024, and order that the rent be paid by the respondents as declared.

With costs and legal interest against the respondents who are from now summoned so that a reference to their oath be made and without prejudice to any other action that may be filed.

Applicant: Victoria Frilot, Nutley, 20, Apartment 5, Victoria Junction, Tas-Sliema

Therese Zammit, Mon Amount 10, Apartment 6, Triq Chaqi, Rabat

Carmen De Giorgio St Angelo Aprartment, 2, Triq Pietru Pawl Debono, Ta' Xbiex

Notification: Charles Debattista, 19, Triq Idmejda, Ħal Balzan

Gerald Debattista, 19, Triq Idmejda, Ħal Balzan

Housing Authority

The application in the names Victoria Frilot et vs Charles Debattista et, Application Nnumber 131/2024JG, has been postponed for hearing to the 18th October, 2024, at 9.15 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 20th September, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2105

Permezz ta' digriet mogħti fis-6 ta' Settembru, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet John Farrugia vs Carmela Caruana, Rikors numru 69/2024JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Carmela Caruana a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet John Farrugia (KI 624548M) vs Carmela Caruana (KI 69838M), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fid-9 ta' Frar, 2024, ir-rikorrenti John Farrugia (KI 624548M) talab lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna b'applikazzjoni tal-Artikolu 4A(3)(c) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta li jsir test tal-mezzi tal-intimata;

2. Jordna kemm-il darba ma jiġux sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-intimata mill-fond bin-numru 17, Triq Misraħ il-Barrieri, L-Imsida, proprjetà tar-rikorrenti u mikri lill-intimata fi żmien perentorju stabbilit

By means of a decree of the 6th September, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names John Farrugia vs Carmela Caruana, Application number 69/2024JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Carmela Caruana in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names John Farrugia (ID 624548M) vs Carmela Caruana (ID 69838M) filed in the Rent Regulation Board, on the 9th February, 2024, the applicant John Farrugia (ID 624548M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Order in application of Article 4A(3)(c) of Cap. 69 of the Laws of Malta that a means test be carried out by the respondent;

2. Order if the criteria of the means test are not met, the eviction of the respondent from the premises with number 17, Triq Misraħ il-Barrieri, Msida, property of the applicant and leased to the respondent within a peremptory period

minn dan l-istess Bord skont il-liġi, jillikwida l-kumpens dovut ai termini tal-Artikolu 4A(4) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u jordna lill-intimata tħallas l-kumpens hekk likwidat;

3. Jordna kemm- il darba jiġu sodisfatti l-kriterji tat-test tal-mezzi, it-tkomplija tal-lokazzjoni u konsegwentement jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ġodda rigwardanti l-ħlas tal-kera, jiddikjara illi l-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena u jordna sabiex il-kera titħallas mill-intimata hekk kif dikjarat.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-intimata li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni u mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi azzjoni oħra talvolta spettanti lir-rikorrenti.

Rikorrenti: Villa Bonfar, 23, Triq il-Kaffis, Victoria Gardens, Tal-Ibraġ

Notifika: 66, Triq Misraħ il-Barrieri, L-Imsida
L-Awtorità tad-Djar
Ir-rikors fl-ismijiet John Farrugia vs Carmela Caruana, Rikors numru 69/2024JG, jinsab differit għall-11 ta' Ottubru 2024, fl-10.05 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Settembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

established by this same Board according to law, liquidate the compensation due in terms of Article 4A(4) of Cap. 69 of the Laws of Malta and order the respondent to pay the compensation so liquidated;

3. Order if the criteria of the means test are met, the continuation of the lease and consequently establish the new conditions regarding the payment of rent, declare that the rent is to be revised to an amount not exceeding 2% per year and order that the rent be paid by the respondent as declared.

With costs and interest against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made and without prejudice to any other action due to the applicant.

Applicant: Villa Bonfar, 23, Triq il-Kaffis, Victoria Gardens, Tal-Ibraġ

Notification: 66, Triq Misraħ il-Barrieri, Msida
Housing Authority
The application in the names John Farrugia vs Carmela Caruana, Application number 69/2024JG, has been postponed for hearing to the 11th October, 2024, at 10.05 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 20th September, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2106

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Ġunju, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors numru 225/2024AL fl-ismijiet Geoffrey Micallef vs Bridget Micallef, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Bridget Micallef a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Geoffrey Micallef (KI 324169M) vs Bridget Micallef (KI 254772M) fl-atti tar-Rikors numru 225/2024AL, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fit-2 ta' Mejju, 2024, ir-rikorrenti Geoffrey Micallef (KI 324169M) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tippronunzja d-divorzju ta' bejn Geoffrey Micallef u Bridget Micallef u tiddikjara ż-żwieġ tagħhom maħlul ai termini tal-Artikoli 66A et sequitur tal-Kodiċi Ċivili u kif ukoll tordna lir-Reġistratur tal-Qrati fi żmien imħolli għalhekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku u dan taħt kull provvediment ieħor li jidrilha xieraq u opportun.

By means of a decree of the 13th June, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Geoffrey Micallef vs Bridget Micallef, Application nNumber 225/2024AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Bridget Micallef in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the application Number 225/2024AL in the names Geoffrey Micallef (ID 324169M) vs Bridget Micallef (ID 254772M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 2nd May, 2024, the applicant Geoffrey Micallef (ID 324169M) requested this Honourable Court to pronounce the divorce between Geoffrey Micallef and Bridget Micallef and declare the dissolution of their marriage in terms of Article 66A et sequitur of the Civil Code and order the Registrar of Courts so that within the time specified by this Court, notify the Director of Public Registry regarding the divorce of the parties so that this is registered in the Public Registy, and this under all those provisions that it deems fit and opportune.

Il-kawża fl-ismijiet Geoffrey Micallef vs Bridget Micallef, Rikors numru 225/2024AL, hija differita għat-23 ta' Ottubru, 2024, fid-9.15 a.m.

Rikorrenti: Moonstone, P/H 6, Triq Santa Marija, L-Imġarr

Intimata: Bridget Micallef, 57 Briar Court, Block B, Flat 7, Triq il-Qarsajja, Ħ'Attard

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 20 ta' Settembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The application in the names Geoffrey Micallef vs Bridget Micallef, Application number 225/2024AL, has been postponed for hearing to the 23rd October, 2024, at 9.15 a.m.

Applicant: Moonstone, P/H 6, Triq Santa Marija, Mġarr

Respondent: Bridget Micallef, 57 Briar Court, Block B, Flat 7, Triq il-Qarsajja, Ħ'Attard

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 20th September, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2107

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fl-14 ta' Frar, 2024, fl-atti tar-rikors numru 135/2023AC, fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Aisha Aghil, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Aisha Aghil a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' nota fl-atti tar-Rikors numru 135/2024AC fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali vs Aisha Aghil (KI 0294203L) ippreżentata fil-Qorti Minorenni, fit-22 ta' Diċembru, 2023, ir-rikorrenti Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal ippreżenta l-pjan ta' kura u r-rapport bir-rakkomandazzjonijiet fuq azzjoni li għandha tittieħed fil-konfront tal-minuri … omissis … hawn anness u mmarkat bħala Dok. AA dan ai termini tal-Artikolu 20(10) u Artikolu 20(11) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' digriet tad-29 ta' Diċembru, 2023, il-Qorti ordnat li l-intimati jiġu notifikati u jippreżentaw risposta.

Il-kawża fl-ismijiet Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi hdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali et vs Aisha Aghil (Rikors numru 135/2023AC) tinsab differita għat-8 ta' Novembru, 2024, fid-9.00 a.m.

Esponenti:220, Triq il-Kanun, Santa Venera

Notifika: Aisha Aghil, 153, Tal-Ħerba, Triq Carini, Santa Venera

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 20 ta' Settembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 14th February, 2024, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 135/2023AC in the names Directorate for Child Protection within the Foundation of Social Welfare Services vs Aisha Aghil, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Aisha Aghil in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

1. Tirevvoka contrario imperio limitatament dik il-parti tad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta' Mejju, 2024, li permezz tiegħu l-Qorti kkonvalidat proviżorjament li l-kura u l-kustodja tal-minuri … omissis … tkun vestita fin-nanniet paterni s-Sa Rose Formosa (KI 0190165M) u s-Sur John Formosa (KI 0178763M);

2. Tirrevoka contrario imperio limitatament dik il-parti tad-digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta' Mejju, 2024, li permezz tiegħu l-Qorti kkonvalidat proviżorjament li r-residenza tal-minuri … omissis … għandha tkun man-nanniet paterni s-Sa Rose Formosa (KI 0190165M) u s-Sur John Formosa (KI 0178763M) fir-residenza tagħhom 14, RosJon, Sqaq Rjallu, Il-Fgura;

3. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3), tawtorizza li l-minuri jirrisjedi f'residenza liċenzjata u approvata mill-awtorità rispettiva u d-Direttur esponenti fejn il-passaport tal-minuri li qiegħed fil-pussess tan-nanniet paterni s-Sa Rose Formosa (KI 0190165M) u s-Sur John Formosa (KI 0178763M) għandu jiġi rilaxxat lill-istess Direttorat minnufih;

4. Illi preliminarjament u ai termini tal-Artikolu 18(3) tafda l-kura u kustodja tal-minuri f'idejn id-Direttur tad-

Regarding the seventh demand the Court reserves to decide at the opportune stage and consequently abstain from taking cognizance of the same demand at this stage and this till the proof is heard before it.

… omissis …

Orders the notification of this decree to the respondent Daniela Mamo, the respondent Keith Formosa, Dr Tanya Sammut, the Director for Child Protection and the Directorate for alternative care (children and youths) and the Registrar Civil Courts (Family Section).

Today 2nd May, 2024

By means of a note filed on the 2nd July, 2024, the Directorate for Child Protection brought to the notice of this Honourable Court an important development as regards the minor … omissis … that he will be residing in alternative care at Dar Santa Roza temporarily.

The Court by means of a decree of the 3rd July, 2024, ordered the notification of the note to the respondent Daniela Mamo, the respondent Keith Formosa and the children's Advocate Dr Tanya Sammut with twenty four hours to file a reply.

By means of an application of the Directorate for Child Protection of the 3rd July, 2024, the Directorate asked this Honourable Court to:

1. Reevokes contrario imperio limitedly that part of the decree given by this Honourable Court on the 2nd May, 2024, by means of which the Court provisionally confirmed that the care and custody of the minor … omissis …be vested in the paternal grandparents Ms Rose Formosa (KI 0190165M) and John Formosa (KI 0178763M);

2. Revoke contrario imperio limitedly that part of the decree given by this Honourable Court on the 2nd May, 2024, by means of which the Court provisionally confirmed that the residence of the minor … omissis … should be with the paternal grandparents Ms Rose Formosa (KI 0190165M) and Mr John Formosa (KI 0178763M) at their residence 14, RosJon, Sqaq Rjallu, Fgura;

3. That in the first place and in terms of Article 18 (3), authorise the minor to reside in a licensed residence and approved by the respective authority and the applicant Director whereby the passport of the minor is in the possession of the paternal grandparents Ms Rose Formosa (KI 0190165M) and Mr John Formosa (KI 0178763M) are to be released immediately to the same Directorate;

4. That in the first place and in terms of Article 18 (3) entrusts the care and custody of the minor to the Director of

Dirttorat Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) li jkollu s-setgħa illi jiddelega l-awtorità illi jkunu amministrati deċiżjonijiet rigwardanti l-edukazzjoni u trattamenti mediċi, terapewtiċi u psikjatriċi lill-persuna/i ta' fiduċja jew persuna/i li għandhom il-kompitu li jamministraw djar ta' kura alternattiva;

5. Tordna li l-minuri … omissis … għandu jiġi protett bil-ħruġ tal-ordni għall-ħarsien tad-Direttur għad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u tordna li dawn l-atti flimkien mal-ordni ta' ħarsien jiġu notifikati lill-Bord ta' reviżjoni sabiex l-istess kura tal-minuri tiġi riveduta regolarment dan skont id-dispozizzjonijiet tal-liġi.

U dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Il-Qorti permezz ta' digriet tat-3 ta' Lulju, 2024, ordnat in-notifika tan-nota lill-intimata Daniela Mamo, lill-intimat Keith Formosa u lill-Avukat tat-Tfal Dott. Tanya Sammut bi żmien jumejn għar-risposta.

Permezz ta' nota ppreżentata fis-26 ta' Lulju, 2024, id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal li permezz tagħha qed jiġi elenkat l-eżitu tat-tentattiv li sar sabiex il-minuri jirrisjedi ġewwa ħarsien alternattiv flimkien ma' ħutu hawn annessa u mmarkata Dok. CC1;

Permezz ta' nota ppreżentata fit-26 ta' Lulju, 2024, id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal qed jippreżenta rapport in sostenn tat-talba għal tibdil ta' ħarsien alternattiv fl-aħjar interess tal-minuri, liema rapport jinkludi wkoll kull żvilupp dwar il-minuri u l-ġenituri hawn anness u mmarkat Dok. CC2.

Il-Qorti permezz ta' digriet tas-26 ta' Lulju, 2024, ordnat in-notifika tan-nota lill-intimati bi żmien ġimgħa għar-risposta.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 20 ta' Settembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

the Directorate alternative care (children and youths) who shall have the power to delegate the authority to administer decisions regarding education and medical, therapeutic and psychiatric treatments to the person/of trust or person/who have the task of administering alternative care homes;

5. Order that the minor … omissis … be protected by the issuing of the care order of the Director for the Directorate for Child Protection and orders that these acts together with the care order be notified to the review Board so that the same care of the minor be regularly reviewed according to the provisions of law.

And this under those provisions that this Honourable Court deems fit and opportune in the circumstances.

The Court by means of a decree of the 3rd July, 2024, ordered the notification of the note to the respondent Daniela Mamo, the respondent Keith Formosa and the children's Advocate Dr Tanya Sammut with two days to file a reply.

By means of a note presented on the 26th July, 2024, the Directorate for Child Protection is listing the outcome of the attempt made for the minor to reside in alternative care together with his brothers and sisters hereby attached and marked Doc. CC1;

By means of a note presented on the 26th July, 2024, the Directorate for Child Protection is presenting a report in support of the request for replacement of alternative care in the best interest of the minor, which report also includes any development on minors and parents here attached and marked Doc. CC2.

The Court by means of a decree of the 26th July, 2024, ordered the notification of the note to the respondents with a period of one week for reply.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 20th September, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2141

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-13 ta' Ġunju, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Xhevahir Duruku.

Go plc (C 22334) ta' GO, Triq Fra Diegu, Il-Marsa MRS 1501, ippreżentat Talba, fit-28 ta' Marzu, 2023, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Xhevahir Duruku (KI

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 13th June, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent Xhevahir Duruku in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C 22334) of GO, Triq Fra Diegu, Marsa MRS 1501, filed a Claim on the 28th March, 2023, whereby they asked the Tribunal to condemn Xhevahir Duruku (ID

228542A) ta' 506, Summer Flats, Flat 13, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €3054.85, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 122/23MD) hija differita għat-3 ta' Ottubru, 2024, fis-12.45p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 23 ta' Settembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

228542A) of 506, Summer Flats, Flat 13, Triq it-Turisti, St Paul's Bay, to pay the plaintiff company the sum of €3054.85, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 122/2023MD) is deferred on the 3rd October, 2024, at 12.45p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 23rd September, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2142

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fis-27 ta' Awwissu, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 966/14 fl-ismijiet Salkath Limited (C2173) vs Victor Azzopardi, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Salkath Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 966/14 ippreżentat fl-1 ta' Lulju, 2024, l-appellanti Maria Concetta sive Mary Azzopardi (KI 862249M) armla minn Victor Azzopardi; Charmaine Azzopardi (KI 204275M); Amanda Azzopardi (KI 482780M) u Claire Xuereb (KI 454376M) ħassewhom aggravati bis-sentenza deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Mejju, 2024, bl-aggravji li:

1. Jirriżulta li ma kienx hemm ħtieġa li ssir talba għal kumpens tal-benefikati b'kontrotalba;

2. Victor Azzopardi kien l-uniku werriet universali ta' Salvina Borg;

3. Il-kwalità tal-pussess huwa irrelevanti għat-talba tal-kumpens u li fi kwalsijasi każ ma kienx in mala fede;

4. Il-kwistjoni tal-benefikati fir-raba'.

Għaldqatant, l-appellanti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirriforma s-sentenza msemmija billi tirrevokaha inkwantu:

i. Ċaħdet is-sitt eċċezzjoni tal-konvenut Victor Azzopardi (sabiex iżomm ir-raba' sakemm jitħallas tal-miljoramenti li kien għamel), u

ii. Laqgħet it-tieni talba u ordnat l-iżgumbrament tiegħu fi żmien xahar;

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 27th August, 2024, in the records of the Application Number 966/14 in the names Salkath Limited (C2173) vs Victor Azzopardi, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Salkath Limited in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In virtue of Appeal Application number 966/14 filed on the 1st July, 2024, the appellants Maria Concetta sive Mary Azzopardi (ID 862249M) widow of Victor Azzopardi; Charmaine Azzopardi (ID 204275M); Amanda Azzopardi (ID 482780M) and Claire Xuereb (ID 454376M) felt aggrieved by the judgment decided by the First Hall Civil Court on the 30th May, 2024, on the grounds that:

1. It results that there was no neéed to make a claim for compensation of the ameliorations by way of counter-claim;

2. Victor Azzopardi was the sole universal heir of Salvina Borg;

3. the quality of possession is irrelevant to the claim for compensation and in any case it was not in bad faith;

4. The question of the ameliorations regarding the arable land.

Therefore, the appellants humbly ask this Honourable Court to reform the judgment mentioned by revoking it in so far as:

i. It dismissed the sixth plea by the defendant Victor Azzopardi (in order to keep the field until the ameliorations he had made are paid for), and

ii. It upheld the second claim and ordered his eviction within one month;

U minflok tilqa' l-istess eċċezzjoni u konsegwentement tbiddel u tvarja s-sentenza billi tiddikjara li l-intimat għandu jiżgombra mill-istess għalqa indikata fir-rikors ġuramentat biss fi żmien xahar minn meta jitħallas għal dawk il-benefikati li kienu saru fir-raba', liema benefikati jiġu llikwidati minn din l-Onorabbli Qorti u dan salv kull provvediment ieħor xieraq u opportun, bl-ispejjeż kontra l-atturi appellati

And instead upholds the same plea and consequently changes and varies the judgment by declaring that the respondent is to vacate the same field indicated in the sworn application only within one month from when he is paid for those ameliorations which were made in the said land, and these ameliorations shall be liquidated by this Honourable Court and this saving any other appropriate and opportune provisions, with costs against the respondent plaintiffs.

Notifika: Salkath Ltd, 'Chez Nous', Triq il-Wied, Il-Mosta

Notification: Salkath Ltd, 'Chez Nous', Triq il-Wied, Mosta

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 17 ta' Settembru, 2024

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day, 17th September, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2143

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fl-20 ta' Awwissu, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 266/2019 fl-ismijiet Malcolm (KI 271571M u Diane (KI 186273M) Pace Debono et vs Mark Borda (ID 0690256M) u Genco, General Commercial and Industrial Enterprises Limited (C2819) ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mark Borda u Genco, General Commercial and Industrial Enterprises Limited a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 20th August, 2024, in the records of the Application number 266/2019 in the names Malcolm (ID 271571M) and Diane (ID 186273M) Pace Debono et vs Mark Borda (ID 0690256M) and Genco, General Commercial and Industrial Enterprises Limited (C2819) the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Mark Borda and Genco, General Commercial and Industrial enterprises Limited in terms of section 187(3) et sequitur of Cap 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 266/2019 ippreżentat fil-15 ta' April, 2024, l-appellanti Malcolm u Diane Pace Debono et ħassewhom aggravati bis-sentenza fl-ismijiet premessi tal-l-ewwel qorti deċiża fl-14 ta' Marzu 2024 b'dawn l-aggravji: l-Ewwel Qorti:

In virtue of Appeal Application number 266/2019 filed on the 15th April,2024, the appellants Malcolm and Diane Pace Debono et felt aggrieved by the judgment in the names premised delivered by the First Hall, Civil Court decided on the 14th March 2024 on the following grounds: the First Court:

1. Ma kinitx legalment korretta meta wara li qieset il-kuntratti tal-akkwisti hija kkonkludiet illi l-istess ladies cleaning room hija proprjetà tal-intimat Mark Borda ad esklużjoni tar-rikorrenti;

1. was not legally correct when after considering the contracts of acquisitions it concluded that the same ladies cleaning room is the property of the respondent Borda to the exclusion of the applicants;

2. Kienet żbaljata wkoll meta ċaħdet it-talba tar-rikorrenti sabiex ikollhom ċavetta tal-istess ladies cleaning room, għaliex l-użu tal-istess dejjem kien u għadu wieħed komuni;

2. It was also wrong to dismiss the applicants' request to have a key of the same ladies cleaning room, because the use of the same was always in common;

3. Żbaljat ukoll meta laqgħat il-kontrotalba tal-intimat Borda, li l-istess rikorrenti appellanti m'għandhomx dritt għal ċavetta; u

3. It also erred when it upheld the counter-claim of the respondent Borda, that the same appellant applicants do not have a right to a key; and

4. Żbaljat ukoll meta ma ordnatx lill-intimat appellat Mark Borda milli jaqla' kull cable/u jew apparat li huwa waħħal fil-partijiet komuni mingħajr awtorizzazzjoni tal-istess sidien appellanti fil-kondominju.

4. It also erred when it did not order the respondent Mark Borda to remove any cable and/or equipment that he fixed in the common parts without the authorisation of the same appellant owners in the condominium.

Għaldaqstant, l-appellanti jitolbu li filwaqt li din l-Onorabbli Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet u astjeniet mill-kontrotalbiet imressqa mill-intimat appellat Mark Borda, tħassar, tannulla u tirrevoka l-bqija tas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti datata 14 ta' Marzu, 2024, fl-ismijiet premessi, u minflok taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet kollha tal-atturi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimat appellat Mark Borda kif ukoll tas-soċjetà konvenuta Genco, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-intimati appellati.

Therefore, the appellants request that whilst this Honourable Court confirms that part of the judgment whereby it dismissed and abstained from the counter-claims brought forward by the respondent Mark Borda, it cancels, annuls and revokes the rest of the judgment of the First Hall Civil Court dated 14th March, 2024, in the names premised, and instead decides by upholding all the the plaintiffs' claims, whilst dismissing all the pleas raised by the respondent Mark Borda as well as of the defendant company Genco, with costs of both instances to be borne by the respondents.

Notifika: Mark Borda, Jardin Dallah, Sqaq Bur Bagar, Il-Qrendi
Genco Limited, 13, Triq St Andrew, Il-Belt Valletta

Notification: Mark Borda, Jardin Dallah, Sqaq Bar Bagar, Qrendi
Genco Limited, 13, Triq St Andrew, Valletta

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 17 ta' Settembru, 2024

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 17th September, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2144

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fit-2 ta' Settembru, 2024, fl-atti tar-Rikors tal-Appell numru 927/2019 fl-ismijiet David Sammut vs Ivan Gerald Zammit, li ġie ddikjarat desert fil-15 ta' April, 2024, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' David Sammut a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decree delivered, by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 2nd September, 2024, in the records of the Appeal Application number 927/2019 in the names David Sammut vs Ivan Gerald Zammit, which was declared abandoned on the 15th April, 2024, the following publication was ordered for the purpose of service of David Sammut in terms of section 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Fl-atti tar-Rikors tal-Appell numru 927/2019 fuq imsemmi fl-ismijiet premessi Ivan Gerald Zammit ippreżenta rikors fit-23 ta' April, 2024, fejn iddikjara li għandu kull interess li l-appell tiegħu li ġie intavolat nhar il-25 ta' Novembru, 2022, jinstema' u jinqata' u għalhekk inottemporanza ħallas l-ispejjeż tal-pubblikazzjoni ai fini ta' notifika ta' David Sammut u umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tappunta u tqiegħed ir-rikors fuq il-lista tas-smigħ u dan ai termini tal-Artikolu 209(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti tqis xieraq u opportun.

In the records of the Appeal Application number 927/2019 above mentioned in the names premised Ivan Gerald Zammit filed an application on the 23rd April, 2024, whereby he declared that he has every interest that his appeal filed on the 25th November, 2022, be heard and decided and thus duly paid the publication costs for the purpose of service of David Sammut and humbly requests this Honourable Court to appoint and place the application on the list of hearing of causes and this in terms of section 209(1) of Cap. 12 of the Laws of Malta saving any other provision that this Honourable Court deems fit and opportune.

Notifika: David Sammut, 4, Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Ta' Xbiex

Notification: David Sammut, 4, Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Ta' Xbiex

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 19 ta' Settembru, 2024

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 19th September, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2145

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fl-20 ta' Awwissu, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 816/14 fl-

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Superior Jurisdiction, on the 20th August, 2024, in the

ismijiet Bank of Valletta plc (C2833) vs F.G.S Construction Limited u Jesmond u Juliet miżżewġin Falzon, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Jesmond u Juliet miżżewġin Falzon a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ppreżentat fil-15 ta' Jannar, 2024, fl-atti tar-Rikors numru 816/14 fl-ismijiet premessi s-soċjetà 35°14° Capital SCC plc (C105417) li taġixxi għan-nom ta' Cell Couros ai termini tal-artikolu 810A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta ddikjarat li fil-mori tal-proċeduri odjerni, is-soċjetà esponenti akkwistat mingħand is-socjetà Bank of Valletta plc id-drittijiet, it-titoli, l-interessi u l-benefiċċji kollha inkluż id-drittijiet litiġjużi fil-konfront tal-intimati, inkluż iżda mhux limitatament il-proċeduri odjerni, u dan bħala parti minn bejgħ ta' portafoll ta' non-performing loans lill-istess soċjetà esponenti.

Għaldaqstant, is-soċjetà esponenti qiegħda titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna, jogħġobha tawtorizza li s-soċjetà esponenti tassumi l-atti ta' din il-kawża minflok il-Bank attur ai termini tal-artikolu 810A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Notifika: Jesmond u Juliette Falzon, 'Sweet Breeze'. Triq Bir l-Ljun, Ir-Rabat

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 18 ta' Settembru, 2024

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

records of the Application number 816/14 in the names Bank of Valletta plc (C2833) vs F.G.S Construction Limited and Jesmond and Juliet spouses Falzon, the following publication was ordered for the purpose of service of Jesmond and Juliet spouses Falzon in terms of section 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an application filed on the 15th January, 2024, in the records of the Application Number 816/14, in the names premised, the company 35 ° 14 ° Capital SCC plc (C105417) acting on behalf of Cell Couros in terms of section 810A of Cap 12 of the Laws of Malta declared that during the course of the present proceedings, the exponent company acquired from the company Bank of Valletta plc all the rights, titles, interests and benefits including the litigation rights against the respondents, including but not limitedly, the present proceedings, and this as part of a sale of a portfolio of non-performing loans to the same exponent company.

Therefore, the applicant company is respectfully asking this Honourable Court so that, subject to any appropriate and opportune declaration, it authorises the applicant company to assume the records of this cause instead of the plaintiff Bank in terms of section 810A of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Notification: Jesmond and Juliette Falzon, 'Sweet Breeze', Triq Bir l-Ljun, Rabat

Registry of the Courts of Appeal (Superior Jurisdiction), this day 18th September, 2024

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2146

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-11 ta' Ġunju, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 925/2023AB, li ġie ppreżentat fil-21 ta' Awwissu, 2023, fl-ismijiet: Cauchi Catherine vs l-Awtorità tal-Artijiet, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata. Ir-rikorrent talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tawtorizza lir-rikorrenti biex a spejjeż tal-intimata tagħlaq u tinbarra b'mod permanenti l-aperturi u aċċess li mill-immobbli tagħha jagħtu għal ġo proprjetà' tar-rikorrenti. Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija inġunta għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-3 ta' Ottubru, 2024, fil-10.50 a.m.

Notifika Intimat: Galea Francis. 17, Framador, Triq in-Niġem, Ħal Għaxaq

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 11th June, 2024, in the records of Sworn Application number 925/2023AB, which was filed on the 21st August, 2023, in the names: Cauchi Catherine vs Lands Authority, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Authorise the applicant so that at the expense of the respondent permanently close and exclude the apertures and access which from her immovables access to the property of the applicant. With costs against the respondent who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to the 3rd October, 2024, at 10.50 a.m.

Notify Respondent: Galea Francis. 17, Framador, Triq in-Niġem, Ħal Għaxaq

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Settembru, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 16th September, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2147

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-8 ta' Awwissu, 2024, fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 809/2024, li ġie ppreżentat fit-8 ta' Lulju, 2024, fl-ismijiet: Shoreline Contracting Limited vs Koray Global Malta Limited et ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tieħu dawk il-miżuri kollha illi jidhrilha xierqa u opportuni, inkluż iżda mhux limitatament tordna li jittieħdu proċeduri ta' disprezz fil-konfront tas-soċjetà Akbank T.A.S. Malta Branch (OC 198) u dan ai termini tal-Artikoli 997 u 1003A tal-kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta. Bl-ispejjeż.

Notifika Intimat: Koray Global Malta Limited, Home Space Unit 5, Level 4, Triq Misraħ il-Barrieri, Santa Venera

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 8th August, 2024, in the records of Garnishee Order number 809/2024, which was filed on the 8th July, 2024, in the names: Shoreline Contracting Limited vs Koray Global Malta Limited et, the following publication was ordered, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Take all those measures it deems fit and opportune, including but not limited, order that contempt procedures be taken against the company Akbank T.A.S. Malta Branch (OC 198) and this in terms of Articles 997 and 1003A of Cap. 12 of the Laws of Malta. With costs.

Notify Respondent: Koray Global Malta Limited, Home Space Unit 5, Level 4, Triq Misraħ il-Barrieri, Santa Venera

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Awwissu, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 21st August, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2148

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-10 ta' Settembru, 2024 (Rikors numru 74/2024) rikors ta' Claudine Cassar et fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Joseph George Gregory Azzopardi, bin Antonio Azzopardi u Josephine Azzopardi née Buttigieg, imwieled Ta' Sannat, Għawdex, fid-9 ta' Marzu, 1906, u miet Victoria, Melbourne fl-Awstralja fit-2 ta' Awwissu, 1983, liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur il-werrieta tiegħu li mhumiex magħrufa u għal dan il-għan intalab li jiġi nominat kuratur tal-wirt ġjaċenti tiegħu, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja, bix-xhieda ta' Dott. Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction, on the 10th of September, 2024 (Application number 74/2024) by Claudine Cassar et, the opening of the succession was requested of Joseph George Gregory Azzopardi, son of Antonio Azzopardi and Josephine Azzopardi née Buttigieg, born in Ta' Sannat, Gozo, on the 9th of March, 1906, and died in Victoria, Melbourne, Australia, on the 2nd of August, 1983, which opening of succession is to be made in favour of his unknown heirs and for this purpose the nomination of a curator for his vacant inheritance was asked, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 23 ta' Settembru, 2024

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Today the 23rd of September, 2024

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2149

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Settembru, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Naipaul Developments Limited vs Antonia Barbara, Rikors numru 196/2024JG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Antonio Barbara a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Naipaul Developments Limited (C38944) vs Antonia Barbara (KI 451543M), ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fil-25 ta' April, 2024, ir-rikorrenti Naipaul Developments Limited (C38944) talbet lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Antonia Barbara (KI 451543M) ai terminu tal-Att XXIV li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbiliti fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja skont l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissotitwuhom;

2. Jiddikjara ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera tal-fond 63, Triq Sant'Ubaldeska, Paola, tigi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk ikun il-każ;

3. Jordna u jikkundanna lill-intimata Antonia Barbara (KI 451543M) tibda' tħallas din it-tali kera awmentata ai termini tal-Att XXIV tal-2021;

4. Jordna f'każ li l-intimata ma tisodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi l-iżgumbrament tal-istess intimata mill-fond sovra indikat fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li minn issa inġunta in subizzjoni.

Rikorrenti: Naipaul Developments Limited, Loyka, Triq Santa Katarina, Il-Qrendi

Notifika: Antonia Barbara, 63, Triq Sant'Ubaldeska, Paola

By means of a decree of the 12th September, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Naipaul Developments Limited vs Antonia Barbara, Application number 196/2024JG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Antonia Barbara in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Naipaul Developments Limited (C38944) vs Antonia Barbara (ID 451543M) filed in the Rent Regulation Board, on the 25th April, 2024, the applicant Naipaul Developments Limited C38944) requested this Honourable Board why it should not:

1. Orders that the means test of Antonia Barbara (ID 451543M) be carried out in terms of Act XXIV which shall be based on the means test established in the Rules of the Continuation Tenancies in terms of Article 1622A of the Civil Code and any regulations which may from time to time replace them;

2. Declare in terms of Act XXIV of 2021, the rent of the premises 63, Triq Sant' Ubaldeska, Paola, be revised to an amount not exceeding 2% per annum of the free and unencumbered open market value and to establish new conditions regarding the lease if applicable;

3. Order and condemn the respondent Antonia Barbara (ID 451543M) start paying such increased rent in terms of Act XXIV of 2021;

4. Order in case the respondent does not satisfy the criteria of income and capital of the means test the eviction of the same respondent from the above mentioned premises within a short and peremptory time established by this Board and by not later than two years.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made.

applicant: Naipaul Developments Limited, Loyka, Triq santa Katarina, Qrendi

Notification: Antonia Barbara, 63, Triq Sant'Ubaldeska, Paola

L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Naipaul Developments Limited vs Antonia Barbara, Rrikors numru 196/2024JG, jinsab differit għall-4 ta' Ottubru, 2024, fid-9.35 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Settembru, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Housing Authority

The application in the names Naipaul Developments Limited vs Antonia Barbara, Application number 196/2024JG, has been postponed for hearing to the 4th October, 2024, at 9.35 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 23rd September, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2150

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fid-9 ta' Awwissu, 2023, fuq talba ta' Renae Vella et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex iħarsu l-interessi u jirrappreżentaw id-directus dominus u/jew is-sub directus dominus fl-atti taċ-ċedola numru 1608/2023 fl-ismijiet Renae Vella et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1608/2023 fl-ismijiet Renae Vella, xebba, bint il-mejtin Raymond Vella u Janis Vella née Whipp, imwielda fid-29 ta' Awwissu, 1981, imwielda l-Ingilterra u residenti Marsaskala, numru tal-passaport Mmalti 1376228, flimkien ma' oħtha Kassalin Vella, xebba, bint il-mejtin Raymond Vella u Janis Vella née Whipp, imwielda fis-17 ta' Ottubru, 1986, imwielda l-Ingilterra u residenti Marsaskala, numru tal-passaport Brittaniku 127207524, vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw is-sidien mhux magħrufa li għandhom id-directus dominus u sub-directus dominus jew is-suċċessuri fit-titolu tagħhom, fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-3 ta' Awwissu, 2023, fejn Renae Vella, numru tal-passaport Malti 1376228, et esponew bir-rispett:

Illi l-esponenti Renae Vella u oħtha Kassalin Vella akkwistaw il-fond u ċjoè l-appartament internament immarkat numru 1 formanti parti minn blokk ta' appartamenti numru 30 bl-isem ta' Martin Flats, fi Triq ix-Xnejn Abjad magħruf ukoll bħal Triq ix-Xejn, Marsaskala, suġġetta għaċ-ċens annwu ta' Lm0.15 ekwivalenti għal €0.35 hekk kif aħjar deskritta fid-dikjarazzjoni causa mortis ippubblikata fl-atti tan-Nutar Dott. Pamela Mifsud Bonnici datat 21 ta' Ġunju, 2023, li qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A;

Illi oriġinarjament il-proprjetà hawn fuq imsemmija kienet ġiet akkwistata mis-Sur Raymond Vella (li jiġi missier

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 9th August, 2023, following a request by Renae Vella et vs Deputy Curators to represent the unknown owners in the records of the schedule of deposit number 1608/2023 in the names Renae Vella et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent, number 1608/2023 in the names of Renae Vella, unmarried, daughter of the late Raymond Vella and Janis Vella née Whipp, born on the 29th August, 1981, born in England and resided in Marsaskala, Maltese passport number 1376228, together with her sister Kassalin Vella, unmarried, daughter of the late Raymond Vella and Janis Vella née Whipp, born on the 17th October, 1986, born in England and residing in Marsaskala British passport number 127207524, vs Deputy Curators to represent the unknown owners who have the directus dominus and sub-directus dominus or their successors in title, filed in the First Hall of the Civil Court on the 3rd August, 2023, the applicants Renae Vella Maltese passport number 1376228, et respectfully submitted:

That the applicant Renae Vella and her sister Kassalin Vella acquired the premises and namely the apartment internally marked number 1 forming part of a block of apartments number 30 with the name Martin Flats, in Triq ix-Xnejn Abjad also known as Triq ix-Xejn, Marsaskala, subject to the annual groundrent of Lm0.15 equivalent to €0.35 as better described in the declaration causa mortis published in the records of Notary Dr Pamela Mifsud Bonnici dated 21st June, 2023, which is here attached. and marked as Doc. A;

That originally the property above mentioned was acquired by Mr Raymond Vella (who is the father of the

l-esponenti) mingħand Martin Mizzi permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dott. Carmel Mangion datat 26 ta' Marzu, 1993 (Dok. B);

Illi l-imsemmija proprjetà hija mmarkata fuq is-site plan hawn annesa u mmarkata bħala Dok. C;

Illi l-esponenti qegħdin jintavolaw din iċ-ċedola sabiex jifdu ċ-ċens gravanti l-proprjetà hawn fuq deskritta;

Illi din hija r-residenza tal-esponenti;

Illi d-directus dominus, is-sub directus dominus jew is-suċċessuri fit-titolu huma injoti u għaldaqstant se jiġu rappreżentati fl-atti ta' din iċ-ċedola mill-kuraturi deputati;

Illi l-esponenti qegħdin jipprevalixxu ruħhom mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi (Kap. 16) u jifdu l-istess ċens kif stipulat fl-istess liġi;

Illi s-somma ta' €0.35 kapitalizzata bir-rata ta' 5% tammonta għal €7;

Illi l-esponenti sabiex jtottempraw ruħhom mal-liġi qegħdin jiddepożitaw is-somma ta' €0.35 rappreżentanti laudemium;

Illi l-esponenti qiegħdin jiddepożitaw ukoll is-somma ta' €1.75 rappreżentanti arretrati ta' ċnus u dan sabiex jirregolaw ruħhom.

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex jifdu ċ-ċens impost fuq l-imsemmija proprjetà hekk kif premess jadixxu din il-Qorti u taħt l-aAwtorità tagħha jiddepożitaw is-somma komplessiva ta' €9.10 sabiex l-istess tiġi liberament irtirata skont il-liġi wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Esponenti: Flat 2, Martin's Flat, Triq ix-Xnejn l-Abjad, Marsaskala.

Notifika: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Reġistru Pubbliku, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

applicant) from Martin Mizzi by means of a contract published in the records of Notary Dr Carmel Mangion dated 26th March, 1993 (Doc. B);

That the said property is marked on the site plan here attached and marked as Doc. C;

That the applicants are filing this schedule of deposit in order to redeem the groundrent burdening the property above described;

That this is the residence of the applicants;

That the directus dominus, sub directus dominus or successors in title are unknown and thus they shall be represented in the records of this schedule of deposit by deputy curators;

That the applicants are availing themselves of the provisions of Article 1501 of the Civil Code (Cap. 16) and redeem the same groundrent as stipulated in the same law;

That the sum of €0.35 capitalised at the rate of 5% amounts to €7;

That the applicants in order to abide with the law are depositing the sum of €0.35 representing laudemium;

That the applicants are depositing also the sum of €1.75 representing arrears of groundrents and this in order to regulate themselves.

Thus, the applicants in order to redeem the groundrent imposed on the said property as premised call upon this Honourable Court and under its authority deposit the global sum of €9.10 so that the same be freely withdrawn according to law after leaving the due receipt according to Law.

Applicants: Flat 2, Martin's Flat, Triq ix-Xnejn l-Abjad, Marsaskala.

Notification: Director Public Registry, Public Registry, Valletta
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Prim'Imħallef Mark Chetcuti, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 9 ta' Awwissu, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Settembu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Chief Justice Mark Chetcuti, LLD, Doctor of Laws.

Today 9th August, 2023

Registry of the Superior Courts, today 23rd September, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2151

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Settembru, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 258/2023JPG, fl-ismijiet Dott. Alessandro Lia vs Dott. Nadine Lia, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Dott. Nadine Lia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Dott. Alessandro Lia vs Dott. Nadine Lia fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 258/2023JPG, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fit-8 ta' Awwissu, 2024, ir-rikorrenti Dott. Alessandro Lia (KI 511285M) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Il-kera pagabbli mid-diversi inkwilini tal-fondi Flats 1, 2, 3 u 4 Block 24, Triq Claire E. Engel, San Ġiljan; Maisonette 26, Triq Claire E. Engel, San Ġiljan, Flats 9 u 10, Luxor, Triq San Albert, Il-Gżira u Flat 4, D'Argens Court, Triq D'Argens, L-Imsida, fuq imsemmija titħallas fil-kont bankarju komuni (joint) mal-bank APS bin-numru 40381750021;

2. Għal biex isir dak illi jiġi ordnat kif mitlub fl-ewwel talba, tordna lill-partijiet sabiex, separatament jew flimkien jgħarrfu lid-diversi inkwilini sabiex iħallsu l-kera minnhom pagabbli fl-imsemmi kont bankarju;

3. Tordna lill-partijiet illi kemm-il darba xi parti tirċievi l-ħlas tal-kera, dik il-parti għandha, fi żmien 48 siegħa tiddepożita hija stess il-kera hekk minnha perċepita fl-imsemmi kont u tgħarraf lill-parti l-oħra bil-kitba, anke elettronikament illi tkun għamlet hekk;

4. Tordna illi mill-imsemmi kont bankarju mal-bank APS bin-numru 40381750021 isir il-ħlas tas-somma ta' €15,458 dovuta lid-Dipartmenti tat-Taxxa bħala rental tax return għal għeluq tas-sena 2023;

By means of a decree of the 18th September, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Dr Alessandro Lia vs Dr Nadine Lia, Application number 258/2023JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Dr Nadine Lia in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the records of the Application number 258/2023JPG in the names Dr Alessandro Lia vs Dr Nadine Lia, filed in the Civil Court (Family Section), on the 8th August, 2024, the applicant Dr Alessandro Lia (ID 511285M) requested this Honourable Court to order that:

1. The rent payable by the various tenants in connection with the premises Flats 1, 2, 3 and 4 Block 24, Triq Claire E. Engel, St Julian's; Maisonette 26, Triq Claire E. Engel, St Julian's, Flats 9 and 10, Luxor, Triq San Albert, Gżira and Flat 4, D'Argens Court, Triq D'Argens, Msida, abovementioned, is paid into the common bank account (joint) with bank APS number 40381750021;

2. For the purpose of implementing the order as demanded in the first demand, order the parties, separately or together, to inform the various tenants to pay the rent payable by them into the said bank account;

3. It orders the parties that if any party receives the payment of the rent, that party shall, within 48 hours, deposit itself the rent so allowed by it in the said account and inform the other party in writing, even electronically that it has done so;

4. It orders that from the said bank account with the bank APS with number 40381750021 the sum of €15,458 due to the tax departments as rental tax return for the end of the year 2023 is paid to the said departments;

5. Tordna wkoll illi mill-imsemmi kont bankarju mal-bank APS bin-numru 40381750021 jiġu mħallsa l-kontijiet ta' taxxa fuq il-kera perċepita dovuta minn sena għal oħra sakemm ma jiġix ordnat mod ieħor;

6. Tordna wkoll illi mill-imsemmi kont bankarju jsir il-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma tal-imsemmija fondi hekk mikrija u elenkati fl-ewwel talba u kif ukoll isir l-ħlas tal-kontribuzzjonijiet/association fees dovuti fir-rigward tal-blokk D'Argens Court, Triq D'Argens, L-Imsida, u tal-blokk Luxor, Triq San Albert, Il-Gżira;

